MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA MALTA

## ONOR. IMHALLEF PACE RAYMOND C.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 174/2002/1

**Sarah Mifsud Scicluna**

**vs**

**Christopher Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta’ Awissu 1996, liema certifikat taz-zwieg huwa anness u mmarkat bhala Dok “SM1”.

Illi miz-zwieg twieled tifel Shane, ta’ erba’ snin.

Illi l-istess zwieg kien ivvizzjat *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali bi ksur

tal-**Artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi *inoltre* l-kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta' Mejju 2002 a fol. 10 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mat-talba attrici li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Awissu 1996 ghandu jigi dikjarat null u bla effett, pero` ghal htijiet u

ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghalhekk ma ghandux ibaghti spejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tal-5 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata kull wiehed biex jipprezentaw l-affidavits taghhom. Il-konvenut u d-difensuri tieghu msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghall-lum 26 ta’ Novembru 2002 ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenut Christopher Mifsud tal-21 ta’ Awissu 2002, fejn talab estensjoni ghall-prezentata tal-provi tieghu.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 22 ta’ Awissu 2002 fejn laqghet it-talba u estendiet it-terminu sat-30 ta’ Settembru 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 10 ta’ Settembru 2002 fejn talab estensjoni ulterjorment biex iressaq il-provi tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta’ Settembru 2002 fejn laqghat it-talba b’dan li estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-provi tal-konvenut sal-15 ta’ Ottubru 2002, liema proroga tkun wahda perentorja.

Rat in-nota tal-konvenut tas-17 ta’ Ottubru 2002 li permezz taghha esebixxa erba’ (4) affidavits.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A). PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Serah Mifsud Scicluna** qalet is-segwenti:

*"Jien iltqajt ma' Christopher Mifsud fil-bidu tas-sajf tal-1995. Iltqajt mieghu fil-hanut li missieri kellu flimkien ma' missier Christopher, ossia ic-Chick King. Darba minnhom konna hrigna u bdiet relazzjoni bejnietna. Kien hu illi stidinni biex nohrog mieghu. Qabel ma beda johrog mieghi Christopher kien ghadu kif spicca minn relazzjoni ohra li kellu ma' certu Kelly ghax din kienet telqitu wara relazzjoni ta' tlitt snin. Meta beda johrog mieghi Christopher jien bdejt nisma' li wara li johrog mieghi kien imur ifittixha x-xoghol taghha u fil-fatt kont ikkonfermajt dawn is-suspetti peress illi darba kont mort ix-xoghol fejn tahdem hi u kienu qaluli. Minhabba f'dan jien kont temmejt ir-relazzjoni mieghu kemm-il darba. Pero` huwa kien jirrabja hafna u kien johodli rasi biex nergghu nibdew nohorgu flimkien u jien kont nithassru u naccetta.*

*Matul din ir-relazzjoni hu mill-ewwel beda jitkellem dwar zwieg u dwar tfal pero` qatt ma konna hadna xi pass biex nizzewgu. Jien ma kellix hsieb ta' zwieg ghad peress li kont qed inhossni li ma kontx nafu bizzejjed.*

*F'April 1996 jien indunajt illi kont tqila. F'dan iz-zmien jien kont ili nafu inqas minn sena. Ghall-ewwel ma ridtx nghidlu ghax ma ridtx li nkompli nohrog mieghu. Pero` wara xaharejn u nofs kont ghadtlu. Kont ghadtlu ftit wara pero` illi ridt naqta' u li ma ridtx nohrogx iktar mieghu. Kif diga ghadt kont ghadni qed nisma' li kien qieghed jigri wara l-ex-tfajla tieghu u bdejt narah illi kien qed ifittex wisq il-liberta tieghu. Meta ghadtlu li ridt naqta' huwa kien heddidni illi kien ser joqtol lili u lill-familja tieghi. Ghalhekk jien kont bzajt u kelli nibqa' mieghu. Mill-ftit xhur illi kont naf lil Christopher sirt naf illi kien bniedem li jasal u jekk jaghmel theddida bhal din kien jasal biex iwettaqha. Kien diga qed jidher dak iz-zmien il-karattru vjolenti tieghu.*

*Darba niftakar illi kelli argument ma' Christopher waqt li konna fil-karozza tieghu. Ma niftakarx ezattament fuq xhiex. Pero` niflakar illi kien qabadli wicci u rassuli mat-tieqa maghluqa tal-karozza. Christopher kien nervuz u meta kien ikollna xi argument kien jizvoga fis-sewqan bla kont.*

*Kemm minhabba t-theddid ta' Christopher u kif ukoll minhabba li kont tqila accettajt li nizzewwgu. Lil missieri u lil ommi jien ma kontx ghadtilhom bit-tqala sa' wara t-tieg. Jien m'ghadtilhomx minhabba illi kont naf illi missieri kien ser jirrabja hafna u johodha bi kbira. Apparti minn hekk jien ma ridtx illi jitwieled it-tifel barra z-zwieg. Kieku ma kienx ghax kont tqila jien zgur illi ma kontx nizzewgu.*

*Christopher sadanittant baqa' jheddidni biex nizzewgu. Fil-frattemp ahna konna temmejna r-relazzjoni xi tlitt darbiet pero` kien jerga' jigi jhedded u jibki fl-istess hin.*

*Kien hemm incident iehor vjolenti gimghatejn qabel it-tieg. Ahna konna ser nistiendu n-nies li kienu jahdmu mar-Rocafella li kien il-hanut ta' hija. Fost dawn in-nies kien hemm zewgt ahwa li huwa ma riedx jistieden u inqala argument. Dak il-hin jien tlabtu l-flus li kien qed izommli biex immur naqbad taxi u ghadtlu li kien spicca kollox. Gie warajja u bir-rabja, qala c-crieket minn idu u tefghahhom fl-art u ta' daqqa ta' ponn fuq il-windscreen tal-karozza tieghu u kissru, qata' idu u beda hiereg id-demm, tant illi kelli niehdu l-polyclinic.*

*Konna domna sejrin hekk sad-data tat-tieg stess. Sa' quddiem il-qassis dak inhar tat-tieg jien kont ghadtlu illi ma ridtx inkompli mieghu. Waqt it-tieg kont qed nibki il-hin kollu. Meta konna bil-wieqfa quddiem l-artal jien ghadtlu li ridt inwaqqaf kollox. Jien dak il-hin hassejt illi ma kontx inhobbu u li kont qed naghmel zball kbir. Pero` huwa ma wegibnix. Dak il-hin kont konfuza. Bejn ma hassejtx illi kont inhobbu u fl-istess hin jien bdejt nara t-tieg bhala l-unika soluzzjoni biex meta jitwieled it-tifel ma jkunx illegittimu.*

*Komplejna bic-cerimonja u zzewwigna.*

*Waqt it-tieg, fir-reception, ukoll kellna glieda. Uhud mill-mistidnin, wara li saqsew lili, nehhew it-tinda tal-jeep li kellu Christopher li kienet ipparkjata barra fir-reception hall. Huwa malli nduna irrabja hafna u beda jghajjarni kemm jiflah.*

*Mali zzewwigna beda l-inkwiet. Christopher sar bniedem iktar vjolenti*

*.*

*Niftakar illi darba, ftit wara t-tieg, huwa ried illi jkollu x'jaqsam mieghi. Meta jien irrifjutajt ghax ma kellix aptit, beda jigbidni minn xahari u spiccajt nofsi fl-art u nofsi fuq is-sodda.*

*F'Jannar 23, 1997 twieled it-tifel tieghi Shane. Christopher qatt ma wera nteress fit-tifel. Lanqas meta kont wasalt biex inwelled hu ma riedx jigi mieghi u kienu wassluni ohti u l-gharus taghha. Kien gab skuza illi ma setax jitlaq minn fuq ix-xoghol.*

*Wara li twieled it-tifel, Christopher kompla jagixxi b'mod vjolenti u komplejna niggieldu. F'dan iz-zmien bdejna ukoll niggieldu minhabba ommu u missieru ghax bdew jidhlu fin-nofs. Ommu minn dejjem ma kellhiex grazzja mieghi u kienet ta' spiss titkellem hazin fuqi ma' haddiehor.*

*Lit-tifel qatt ma ta kazu. Anzi kien jurini illi ma riedux. Kien jghidli per ezempju biex ma nixtrix hwejjeg ghat-tifel. Darba minnhom kien irrifjuta li jghabbi l-pram tat-tifel fil-karozza tieghu bil-konsegwenza illi jien kelli nimxiha minghand ommi sad-dar, nimbotta l-pram. Meta kont nafda t-tifel mieghu ma kienx jaghti kazu u kien ihalli t-tifel iwegga'.*

*Darba kellna argument iehor u Christopher kien beda ixejjer idejh. Kien laqat il-pram fejn kien hemm it-tifel rieqed u kieku ma qbadtx it-tifel u ghollejtu mill-pram kien jaqleb il-pram bit-tifel b'kollox.*

*Iz-zmien li komplejna flimkien kien mimli glied. Huwa kien johrog ta' sikwit u jdum barra sa' filghodu. Kien jigi d-dar*

*fis-sakra, gieli bis-senter f'idejh, jhedded li joqtol lili u lil familti. Ftit wara beda jheddidni li johodli t-tifel.*

*Darba wara li kellna argument minhabba l-hrug li kien qed johrog hu ta' kuljum, kont tlaqt ghand ommi bit-tifel ghax bzajt illi jekk noqghod id-dar isawwatni. Kien gie ghand ommi, kien imbotta lili u lil ommi u kien hataf it-tifel u dahhlu fil-karozza tieghu, wara li habbatlu rasu mat-tieqa. Kien heddidni biex immur lura d-dar inkella jiehu t-tifel.*

*Kien hemm okkazzjonijiet fejn gew il-Pulizija ghax kont incemplilhom jien. Gieli kienu jcemplu ghall-Pulizija l-grien taghna ghax kienu jisimghuna niggieldu bil-kbir. Fil-fatt rapporti tieghi kontrih l-ghassa ta' B' Kara hemm hafna.*

*Darba ohra kien gie d-dar drogat u insista li ried ikollu x'jaqsam mieghi. Jien ma ridtx u malli ghadtlu beda jsawwatni u jisfurzani biex immur mieghu.*

*Jien ta' spiss kont incempel fuq in-numru 179 tad-domestic violence u kienu qabbduni ma' xi hadd minn Gattard House. Din il-persuna, wara li kellmitna t-tnejn, kien qalli illi minhabba l-ambjent vjolenti tad-dar kien qed ibati t-tifel.*

*Fl-ahhar Christopher beda jinqata' mid-dar bil-mod il-mod u beda jigi biss meta kien ikollu aptit. Minn xi sena ilu Christopher ma baqax jigi d-dar u telaq ghal kollox. Illum naf lili huwa ilu madwar sena jghix ma' tfajla ohra.*

*Is-sena l-ohra Christopher kellu xi inkwiet ghax inqabad bid-droga. Naf li kien gie arrestat.*

*Dan l-ahhar, xi xhur ilu. kien cempilli Christopher. Fuq it-telephone kien qalli illi lili qatt ma habbni u wrieni illi lit-tifel ma kienx ihobbu. Huwa habb biss lit-tfajla li kellu qabel, ghadu jhobbha u jibqa' jhobbha."*

Illi fl-affidavit tieghu **Saviour Scicluna Attard** sostna li:

*"Jien nigi missier Serah Mifsud Scicluna. Lil Chris Mifsud jien sirt nafu ghall-habta tal-1995 billi ghamel zmien*

*jahdem ic-Chick King, hanut li jien kelli bi shab flimkien ma' missieru. Fiz-zmien meta Chris Mifsud kien jahdem f'dan il-hanut kien johrog ma' wahda mill-Furjana jisimha Kelly. F'dak iz-zmien ukoll f'dan il-hanut kienet qed tahdem it-tifla tieghi Sarah. Jien lil Chris mill-ewwel ma hadtx grazzja mieghu. Kien jidher mhux ta' l-affari tieghu. Apparti minn hekk il-Furjana kien maghruf bhala bniedem vjolenti u li jiddeletta bl-armi. Jien pero` kont mohhni mistrih li la hu kellu gharusa ma kienx ser jittanta lit-tifla.*

*Wara ftit pero` sirt naf li kien hassar ma' l-gharusa li kellu u li beda johrog ma' Sarah. Jien lil Sarah kont avzajtha li Chris ma kienx it-tip li kien ser jissetilja u jiehu hsieb lilha u l-familja li seta' jkollhom il-quddiem pero` t-tifla ma semghatx minni.*

*Naf li fi ftit xhur, b'sorpriza kbira ghalija, ippreparaw kollox malajr biex jizzewgu. Jien lil Sarah kont ghadtilha biex ma tizzewgux daqshekk malajr u biex ma tghaggilx pero` ma riditx tisma'. Xtrajtilhom post malajr biex ikollhom fejn jghixu. Fil-frattemp Sarah ftit kienet tiftah qalbha mieghi dwar ir-relazzjoni taghha ma' Chris Mifsud. Apparti minn hekk Chris qatt ma gie d-dar ghandna.*

*Ghaddiet ic-cerimonja u ftit wara c-cerimonja sirt naf li Sarah kienet tqila. Fil-fatt, wara li Sarah welldet it-tarbija, sirt naf li kienet inqabdet tqila qabel it-tieg u kien ghalhekk li kellhom hafna ghaggla biex ifittxu jizzewgu. Sarah tibza hafna minni u jien cert illi ma qaltli xejn dwar it-tqala taghha minhabba din il-biza'. Jien lit-tfal tieghi dejjem rabbejthom b'dixxiplina kbira u dejjem avzajthom biex izommu l-boghod mit-tahwid u b'hekk jien perswaz li it-tifla kienet konvinta illi jien kont ser niehu l-pregnancy taghha bi kbira hafna u li kienet ser thammarli wicci. Jien li kieku qaltli, kont nohodha bi kbira, pero` mhux sal-punt illi ngieghla tizzewweg bil-fors kif jien perswaz illi hasbet li kont ser naghmel it-tifla.*

*Meta weldet fil-fatt Sarah ma qaltilniex mill-ewwel illi kienet inqabdet tqila minn qabel it-tieg. Kienet qalet lili u lil ommha illi l-baby twieled "premature" biex tahbi minna l-fatt li inqabdet tqila qabel iz-zwieg. Kienet in-nanna ta'*

*Sarah li ndunat li l-baby kien jizen wisq biex ikun twieled qabel iz-zmien. Kien biss wara li kkonfrontajniha b'dan li Sarah ammettiet li kienet inqabdet tqila qabel iz-zwieg."*

Illi fl-affidavit taghha **Claudette Micallef** qalet li:

*"Jien ilu naf lil Sarah Mifsud minn meta konna tfal l-iskola primarja. Konna minn dejjem hbieb tal-qalb. Pero` kien hemm zmien meta ma tantx konna iltqajna. Dan kien lejn l-ahhar tal-1995 sa' nofs il-1996. Naf li f'dan il-perjodu Sarah kienet qed tohrog ma' xi hadd li wara sirt naf li huwa Christopher. F'dan il-perjodu wkoll jien kont tqila u ma tantx kont qieghda nohrog. Kien ghalhekk illi ma tantx konna niltaqghu.*

*Fit-fatt ergajna iltqajna jien u Sarah ftit qabel ma zzewget, ezattament kif twieled it-tifel tieghi. Kienet gabitli l-invit id-dar tieghi. Jien kont sorpriza li kienet ser tizzewweg ghax jien qatt ma kont iltqajt ma' Christopher u qatt ma kont rajtu maghha. Apparti minn hekk meta konna niltaqghu ta' sikwit, ossia qabel ma hrigt tqila lejn l-ahhar tal-1995. Sarah qatt ma kienet issemmili illi kienet f'relazzjoni serja jew li kienet bi hsiebha tidhol f'relazzjoni serja. Anzi dak iz-zmien Sarah qatt ma kienet issemmili zwieg.*

*Fl-14 ta' Awissu 1996 izzewget u ergajna bdejn niltaqghu ta' sikwit. Sarah kienet tqila meta zzewget. Kellha xi hames xhur tqala. Peress li jien kont ghadni kif wellidt kont immur naghtiha daqqa t'id u naghtiha xi parir.*

*Xi erba' xhur wara t-tieg twieled it-tifel taghha Shane.*

*Sarah Mifsud kienet tkun dejjem imdejqa, anke immedjatament wara t-tieg. Kienet il-hin kollu tiftah qalbha mieghi illi Christopher kien qed isawwatha u jkissrilha l-affarijiet, u jaghmel l-istorbju d-dar u anke barra u jwerwer it-tifel.*

*Meta beda jikber it-tifel taghhom, Christopher beda ma jaghtix kasha lil Sarah. Kien beda jdum barra. Kien johrog wara x-xoghol u jidhol filghodu. Sarah kienet tkun dejjem imdejjqa u dejjem wahedha.*

*Fl-ahhar Christopher kien qed jaqta' bil-mod il-mod mid-dar u fl-ahhar kien qisu ma kienx qed joqghod hemm iktar.*

*Sarah kienet tirrakkontali hafna episodji ta' vjolenza pero` f'wiehed minnhom kont presenti jien. Niftakar illi Sarah kellha bzonn tohrog u kienet talbitni biex noqghodilha d-dar mat-tifel. F'daqqa wahda habbat il-bieb u smajt lil Christopher jghajjat barra. Jien ghadtlu li Sarah ma kienitx id-dar pero` hu beda jsabbat mal-bieb kemm jiflah u beda jghidli biex niftah ghax kien ser jisparali. Jien inzilt niftahlu mill-garage u x'hin dahal beda jsaqsini fejn kienet Sarah u ma min kienet. Jien ghadtlu li ma kontx naf.  Huwa kellu lembuba f'idejh. Dak il-hin waslet Sarah u hu, meta nduna, stahba wara hajt bil-lembuba f'idejh. Pero` meta dahlet Sarah bdiet tkellmu u tipprova tikkalmah. Imbaghad Christopher talabni nlitlaq u jien tlaqt."*

Illi fl-affidavit tieghu **Shane Scicluna** qal illi:

*"Jien nigi hu Sarah Mifsud Scicluna.*

*Missieri kellu hanut bl-isem ta' Chick King li kellu bi shab flimkien ma missier il-konvenut Chris Mifsud. Fil-fatt jien, lil Chris, sirt nafu il-hanut ghax ghamel zmien jahdem fih. Sirt nafu ghall-habta tal-1995. F'dak iz-zmien kienet tahdem fl-istess hanut ukoll ohti Sarah.*

*Dak iz-zmien Chris Mifsud kien johrog ma' wahda jisimha Kelly mill-Furjana.*

*Malli sirt nafu ftit lil Chris Mifsud mill-ewwel hadt l-impressjoni li kien xi wiehed mhux ta' l-affari tieghu. Kien daqsxejn imgerfex. Apparti minn hekk kont smajt ukoll li kellu karattru vjolenti.*

*Wara ftit taz-zmien kien iggieled ma' din Kelly li kien johrog maghha u ftit wara srit naf illi beda johrog ma' ohti Sarah. Jien ma hadtx pjacir u niftakar anke lil missieri jgerger dwaru ghax bhali kien jarah mhux ta l-affari tieghu.*

*Niftakar imbaghad illi ftit tax-xhur wara ohti Sarah u dan Chris ippreparaw kollox ta' malajr biex jizzewgu. Il-familja kollha konna hsibna illi kienu qed jghagglu wisq. Zgur li kienu ghadhom ma sarux jafu lil xulxin sew. Pero` ohti kienet deciza.*

*Qabel it-tieg nista' nghid illi lil Chris hadd ma sar jafu sew ghax Sarah ma kienitx tlaqqghu maghna. Ghalhekk dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom ma naf kwazi xejn.*

*Missieri xtralha post malajr biex ikollha fejn tmur tghix.*

*Ftit wara t-tieg sirna nafu li Sarah kienet tqila. It-tarbija malajr twieldet u ftit wara sirna nafu illi Sarah kienet inqabdet tqila qabel it-tieg. Jien cert illi kien minhabba f'din it-tqala illi Sarah riedet tizzewweg daqshekk malajr. Ghall-ewwel Sarah ippruvat tahbih dan il-fatt tat-tqala ta' qabel iz-zwieg u kienet qalet lil kulhadd illi t-tarbija kienet twieldet qabel iz-zmien.*

*Ghandi nghid illi meta konna zghar kemm jien u kif ukoll iz-zewg huti bniet konna mrobbija f'dixxiplina kbira. Missieri kien jirrabja hafna u kienu jitilghulu malajr. Xi ftit jew wisq kollha konna nibzghu minnu specjalment il-bniet.*

*Huwa minhabba f'dan illi Sarah hassitha kostretta illi tizzewweg ta malajr"*.

Illi bl-affidavit tieghu il-konvenut **Christopher Mifsud** qal:

*"Jien kont sirt naf lil Sarah xi sena qabel ma zzewwigna peress illi konna nahdmu fl-istess hanut u fl-istess shift u cioe' fil-hanut Chick King, Paceville. Nista' nghid illi ma konniex naqblu wisq bejnietna, u spiss konna nargumentaw, u l-iktar fuq problemi banali rigward per ezempju min ser jikmanda fil-hanut.*

*Dak iz-zmien, jiena kelli relazzjoni ma tfajla ohra jisimha Kelly li kont ili maghha xi tlett snin. Kelly u Sarah kienu saru hbieb wara li jien kont laqqajthom ma xulxin fuq ix-xoghol. Sarah wkoll da parti taghha kellha relazzjoni ma xi hadd iehor li kien jismu Pierre li kienet ilha mieghu xi erba'*

*snin skond kif kienet qaltli hi. Dan Pierre kien gieli gie jkellimha fuq ix-xoghol u jitlaq.*

*Dak iz-zmien jiena kont fl-Armata u kont nahdem ic-'Chick King' bhala part-time u kien f'dan il-perjodu illi Sarah kienet tistaqsini fejn kienet tkun Kelly meta kont inkun xoghol filghaxija. Darba minnhom, kont xoghol u Sarah ma kienetx xoghol u ghalhekk staqsietni jekk kontx ser niddejjaq jekk hi tistieden lil Kelly sabiex imorru jiehdu drink flimkien. Jiena kjarament ma kellix ghalfejn niddejjaq u ghidtilha iva. Fil-fatt hekk sar. Iltaqghu u hargu u wara xi saghtejn, Sarah giet wahedha l-hanut minghajr Kelly u bdiet tmaqdar lil Kelly u tghid illi ma kellix x'nambiha. Staqsietni biex niltaqghu.  Jien dak il-hin bqajt iccassat avolja ma saqsejtha xejn kompliet tmaqdar lil Kelly u minghajr ma tidhol fid-dettal, bdiet tghidli illi Kelly kienet qieghda ggib ruhha hazin.*

*Fi zmien gimgha minhabba l-aktar dak illi kienet qaltli Sarah, jiena hassart minn ma Kelly u bdejt nohrog wahdi. Bdejt dejjem insibha warrajja minghajr ma niftiehmu sabiex niltaqaw. Bdejt ghalhekk niftiehem maghha bhala hbieb tax-xoghol flimkien ma nies ohra li kienu jahdmu c-'Chick King' u r-'Rockfeller'. Wara xi tlett gimghat konna Paceville u jiena kont bdejna nbusu lil xulxin u spiccajna l-lejl kollu flimkien. L-ghada illi wasalna id-dar, ma kontx bi hsiebi li nerga' niltaqa' maghha. Jiena ghidtilha li ma kellix intenzjoni niftiehem maghha biex niltaqaw u ghidtilha 'Issa narak darb'ohra' u hi qaltli, ' Xi hsibtni, meta jien niltaqa' ma guvni, mhux ghall-lejla biss izda biex nibqa' mieghu.' Jiena dak il-hin inksirt ghax kienet habiba tieghi u kont nahdem maghha wkoll. Minhabba dan accettajt illi nibqa' nohrog maghha izda bil-patt u l-kundizzjoni illi ma tghid xejn lil hadd, la lil genituri taghna u lanqas ma shabna tax-xoghol. Kollox kellu jinzamm sigriet u dana ghaliex kont ghadni mfixkel, peress illi kont ghadni kif spiccajt minn relazzjoni twila u ghalhekk ma kontx naf jekk xtaqtx nibda ohra, inkompli mat-tfajla li kelli jew sahansitra nibqa' wahdi.*

*Fi ftit granet ossia gimghatejn, Sarah xandritha ma kulhadd illi konna qeghdin naraw lil xulxin. Meta sirt naf*

*dan jiena wasalt id-dar irrabjat u ghidtilha 'daqsekk' u li kellha thallini bi kwieti. Dak il-lejl mort nikri kamra gewwa lukanda Paceville biex ma ssibnix. Jiena ghamilt lejl u gurnata gewwa l-lukanda u bil-lejl ta' l-ghada mort ghand ommi.*

*X'hin inzilt ghand ommi, saghbni missieri u qalli illi Sarah kienet giet xi ghoxrin darba tfittixni, thabbat u ccempel ghandhom. Missieri beda' jghidli illi il-familja ta' Sarah kienu nies sewwa u li ghalhekk ma missnix ghamiltilha dak li ghamiltilha. Peress illi ma kienetx wahda minn dawk it-tfajliet l-ohra li kelli jien dak il-hin hassejtni bhala huta barra mill-ilma u ghalhekk cempiltilha u sibtha ma wicci wara xi hames minuti. Meta bdejt inkellimha dak in-nhar kien zmien l-Ghid u malli ratni bdiet tibki u tghidli kemm kienet inkwetata u kien minn dak il-hin li telqet id-dar tfittixni u bdiet tibki. Imbghad, jiena ghidtilha illi ma kontx lest ghas-serjeta' u dak il-hin hi staqsietni jekk kontx ghadni nhobb lil ohra. Jiena wegibtha illi ma kontx naf. Ghamilna xi jumejn niltaqghu normalment u wara jumejn offrietli biex nizzewwigha. Jiena hsibt illi kienet qeghdha ticcajta (peress illi lanqas konna ilna tlett xhur flimkien) u ghidtilha “Iva". Mort id-dar normali, wassaltha u peress illi kont hadtha bic-cajt m’ghidt lil hadd. Wara xi gimgha pero` bdejt nara tad-dar iharsu lejha qisni kelli nghidilhom xi haga u in effetti missieri ghajjatli biex ikellimni wahda u qalli: "Inti ha tizzewweg u ma tridx tghidilna?", qbizt jien u ghidtlu illi jiena ma kontx ser nizzewweg. Hu kien qalli illi kienet Sarah li kienet qaltilhom u kienet diga' xandritha mal-hanut kollu. Jien dak il-hin xtaqt nahrab minn fejn missieri. Cempilt lil Sarah u mort ghaliha biex nitkellmu fuq dak li kienet qeghda tghid. Meta ltqajna saqsejtha x'marret tghid u Sarah kkonfermat u qaltli "issa la weghtni trid tizzewwigni." Jien ghidtilha: "nizzewgek jekk lanqas ilna xejn flimkien u m'ghandna xejn." Ghidtilha "mela z-zwieg isir hekk?" Sarah wegbitni: "tlett xhur ohra rridu nkunu mizzewgin." Jien wegibt illi dan ma setax ikun. Ghidtilha illi f’sitt xhur ma jizzewgux in-nies. Dak il-hin wassaltha d-dar u tlaqt.*

*Wara ftit tal-granet gie fuqi missieri u tani cavetta ta' "flat" u qalli illi kien hemm flat tas-Sliema biex immur nara jekk*

*joghgobni. Jiena bdejt nibza' nghidlu illi ma riedtx nizzewweg u qbadt u hadt ic-cavetta kontra qalbi. (Nixtieq nghid illi iktar milli nibza' minn missieri, ninkiser.)*

*Jien ghalhekk mort ghal Sarah u ghidtilha illi ma jistax ikun illi nizzewwigha iktar u iktar daqsekk malajr. Izda Sarah riedet tiffissa d-data tat-tieg izda jien ma accettajtx. Ghidtilha illi kellna intawlu z-zmien izda ma ffissajniex.*

*Nonostante dan, Sarah baqghet tfittixni biex niffissaw id-data izda jiena bqajt ma accettajtx u dana stante illi nonostatne illi konna mmorru tajjeb flimkien kont inhares lejha iktar lejn l-edukazzjoni u r-rispett li kellha peress illi kienet ferm differenti mit-tfajliet li kelli qabel. Ma kontx b'mod assolut inhares lejha b'imabba . Li gara pero` kien illi ftit granet wara kienet qaltli li kienet tqila (kellha xi xahar tqala). Konna fil-fatt morna flimkien ghand it-tabib li kien ghamlilha test u qalla illi kienet "pregnant". Dak il-hin jiena hadt qata' hassejt li kont ser immut peress illi kont qed nippjana kif ser nwaqqaf ir-relazzjoni minn ma Sarah u mhux kif inkompliha. Wara li hrigna minn ghand it-tabib jiena ghidt lil Sarah illi issa ma kienx hemm x'taghmel u naraw kif jigru l-affarijiet. Sarah dak il-hin qaltli biex ma nghid li hadd illi kienet tqila. Qaltli li fi zmien qasir kellna nizzewgu ghaliex ma riedetx illi n-nies jghidu illi kellha "shotgun wedding". Jiena hekk ghamilt, m'ghidt lil hadd, izda pero` wara ftit bdejt inhoss certa responsabilita' gejja fuqi minhabba z-zwieg u t-tarbija u hassejt illi ma kontx kapaci nihhandilja dawn l-affarijiet u li gara kien illi fi zmien xahrejn, izzewwigna (kient ser taghlaq tlett xhur tqala).*

*Matul it-tqala taghha, nbidlet, minn naqra tajjeb li kellha marret ghall-aghar. Bdiet tkun possessiva hafna, riedet tbiddilli l-apparenza tieghi (per ezempju it-tip ta' hwejjeg li kont nilbes) jekk mmur nara l-ommi l-Floriana tghidli illi kien kollox hela ta' hin. Jiena kont insaqsiha ghaliex kienet qeghda taghmel hekk peress illi qatt ma kienet hekk u hi kienet wiegbet illi jiena ma kontx naf xi jfisser li jkollok tarbija go fik. Jiena emminta ghaliex vera qatt ma kelli tarbija go fija. U di piu' konna ilna biss xahar mizzewgin u ghalhekk hsibt illi dan il-komporament kien kollu minhabba t-tqala. Ghamilt dawk il-hames xhur sakemm twieldet it-*

*tarbija nahdem bil-lejl u wara nibqa' sejjer id-dar nahsel l-art u l-hwejjeg biex ma nhallix li Sarah taghmel xejn peress illi kienet qaltli illi qabel ma kellha t-tarbija ma kienet ser taghmel xejn. Wara t-tarbija pero` flok naqsu l-problemi aktar zdiedu, is-suppervja, in-nervi u l-atteggament ta' pussess lejja. Kienet biss thallini nohrog mid-dar sabiex immur ghax-xoghol u x'hin nispicca kellha tkun taf biex ticcekkja jekk mortx x'imkien iehor wara. Darba minnhom niftakar illi kont ittardjajt xi siegha u nofs u ghidtilha illi kont inzilt fejn hija l-Furjana u saqsietni hafna mistoqsijiet dwar dak li nzilt naghmel u ghidtiha illi kont mort narhom ftit peress illi kont ili ma narhom u kont nimmissjhom. Minn hemm beda glied kbir ghax bdiet tghidli biex lejn il-Furjana ma nersaqx aktar. Jiena saqsejtha ghalfejn u hi kienet wiegbet illi anke ommi ma kienetx togghobha peress illi anke kieku ommi (skuzi l-espressjoni) kellha "tiftah saqajha, kient tiftahom". Kienet tghid illi il-Furjanizi huma "qhab u pufti". Jiena ma stajtx nistaporti dan id-diskors u kliem hazin ghaliex kont naf illi ma kienx minnu u ghalhekk wara xi tlettax-il xahar li konna zzewwigna ma bqajniex norqdu flimkien fl-istess sodda u cioe' bdejna nghixu fl-istess dar izda fi kmamar separati.*

*F'gheluq sentejn taz-zwieg taghna jiena qbadt hwejgi u mort lura ghand ommi minghajr ma ghidt lil hadd. Sarah giet lura u skopriet illi kont tlaqt u hadt hwejgi u ftit hin wara jiena ergajt dhalt fil-post biex ingib affarijiet ohra u sibtha hemm u ghidtilha illi bejni u bejnha kien spicca kollox. Saqsejtha x'kellha bzonn ghaliha u ghat-tarbija u ma taghtnix risposta. Pero` saqsietni ghaliex kont tlaqt u jiena rrispondejt illi kien ghaliex bqajt nahsel l-art u hwejgi u li ma kellix imhabba lejha peress illi maghha jew minghajrha ghalija kien xorta.*

*Jien fir-relazzjoni ma Sarah kont dejjem kontra qalbi u minhabba illi ma riedx naqa' ghac-cajt ma missieri peress illi hu kien habib kbir ta' missier Sarah u fil-fatt ghandhom 'business' flimkien. Bqajt ghalhekk nibza' niftah qalbi ma huti ghaliex bzajt illi ighidu lil missieri pero` minhabba l-pressjoni li kelli fuqi taz-zwieg u t-tarbija ma stajtx nistaporti izjed u ftaht qalbi ma huti u ma xi hbieb. Nonostante pero` illi qabel ma ftaht qalbi ma' huti (u mhux*

*mal-genituri tieghi) huma kienu qaluli illi kienu indunaw illi r-relazzjoni li kelli ma Sarah ma kienetx wahda fejn jiena, kont ghal qalbi u kienu tawni parir illi anke minhabba li kien ser ikolli tarbija ma kellix ghalfejn nizzewweg bilfors. Anke mal-hbieb kont nghidilhom mill-bidu li kont imdejjaq hafna fir-relazzjoni li kont fiha u li ma stajtx insib mod kif nohrog u nahrab minn din ir-relazzjoni li kelli ma Sarah.*

*Jien assolutament ma kontx lest ghaz-zwieg, jiena zzewwigt minhabba pressjoni esterna li kelli kemm da parti ta' Sarah kif ukoll minhabba biza' li kelli minn missieri u wkoll minhabba nuqqas ta' maturita' fejn illum nghid illi missni qbadt u tlaqt lil Sarah qabel minghajr ma noqghod nahseb fuq il-problemi li stajt nikkreja bejn missieri u missierha u dan minhabba illi jiena qatt ma kont inhobbha u kien zball ikrah liema zball seta' facilment jigi evitat."*

Illi fl-affidavit tieghu **Stephen Mifsud** qal:

*“Jiena nigi hu z-zghir tal-konvenut Christopher Mifsud.*

*Nixtieq nghid li r-relazzjoni bejn hija u martu Sarah kienet wahda stramba ghall-ahhar mill-bidu nett, u cioe' minn meta bdew johorgu ma xulxin. In effetti l-fatt li zzewgu kien xi haga li sorprendietna mhux biss peress illi Chris u Sarah kienu ilhom ftit xhur biss flimkien qabel ma ddecidew li jizzewwgu, izda anke minhabba l-fatt illi sa ftit xhur qabel ma zzewgu hadd mill-familja taghna ma kien jaf li kienu qeghdin flimkien.*

*Jidher illi Chris u Sarah kienu ddecidew li ma jghidu lil hadd. Li gara pero` kien illi kienet Sarah illi marret ixxandar r-relazzjoni ma kulhadd biex b'hekk anke l-genituri taghna saru jafu b'din ir-relazzjoni.*

*Niftakar illi Chris u Sarah kienu jahdmu flimkien gewwa c-Chick King Marsascala, u illi r-relazzjoni taghhom kienet instabbli ghall-ahhar, tant illi niftakar il-Chris jghidli illi kien jara ir-‘Roster' minn qabel sabiex jevita li jinzerta xi gurnata xoghol ma Sarah. Minhabba dan, wiehed jista' jimmagina kemm konna sorprizi meta sirna nafu bl-ahbar li bdew johorgu flimkien.*

*Jidher illi ftit kienu ilhom johorgu ma xulxin meta. Sarah harget tqila u f'daqqa wahda kienu qeghdin isiru pjanijiet sabiex iffittxu jizzewgu.*

*Nista' nghid illi din it-tqala kkagunat pressjoni kbira fuq hija Chris peress illi kien qed jibza hafna mill-genituri taghna kif ukoll taghha u dan b'mod partikolari ghaliex ma riedx ikun l-kawza ta' tilwim bejniethom stante illi kienu ilhom zmien fil-'business' flimkien u ghalhekk kienu saru hbieb kbar. In effetti, Chris kien qalli hu stess illi hu ma kienx interessat li jizzewweg lil Sarah pero` hassu li ma' kenitx tezisti triq ohra hlief dik li jizzewgu u dan, biex jigi evitat l-inkwiet bejn il-genituri taghhom it-tnejn.*

*Ta' min jippreciza illi Chris anke qabel ma harget tqila Sarah kien qalli illi assolutament ma kienx jhobbha bhala*

*tfajla u ried jara kif kien ser jaghmel biex jahrab mir-relazzjoni. Kien qalli wkoll illi kien ilu jipprova jitlaqha izda Sarah kienet qed taghmililu difficli ghall-ahhar. Ma kienx jaf x'kien ser jaghmel. Kien konfuz ghall-ahhar; ma kienx jaf jekk riedx joqghod wahdu, jew jekk riedx jerga' jkompli mat-tfajla li kellu qabel. L-unika haga li kien certa minnha, kienet illi kien qed jikkonfondi fuq kif kien ser jitlaq lil Sarah minghajr ma jgelled il-genituri taghna mal-genituri taghha.*

*Nixtieq nghid illi jiena qatt ma ndhalat fil-hajja privata ta' Chris, u qatt ma avvicinajtu biex nghidlu illi fl-opinjoni tieghi kien qieghed jaghmel zball. Illum pero` jiddispjacini hafna illi zammejt sieket, peress illi kienet cara ghall-ahhar illi r-relazzjoni taghom ma kienetx wahda solida. La Chris u lanqas Sarah ma kienu kuntenti fir-relazzjonijiet taghhom - haga li wiehed seta' facilment jara minn seba' mili l-boghod. In effetti naf illi ghamilt zball li zammejt lura meta Chris kien gie jiftah qalbu mieghi u qalli car u tond illi dan iz-zwieg ma kienx ghall-qalbu. Kien saqsini direttament x'seta' jaghmel biex johrog minn din is-sitwazzjoni li kienet qed tippressah. Jiena illum nhoss illi stajt evitajtlu hafna problemi, izda dak iz-zmien ma riedtx nindahal. Illum nghid illi dak iz-zmien misni tajtu l-parir li vera hassejt dak il-hin li kelli naghtih bbazzat fuq dak li kien qed jghidli Chris kif wkoll minn dak li kont rajt b'ghajnejja, liema fatti u diskors kienu indikazzjoni car ta' kif fil-fatt zvolgew il-fatti.*

*Chris qatt ma ried jizzewwigha lil Sarah, tant illi kien jghidli "Ma rridx nizzewweg" u dan anke sa ftit minuti qabel ma dahal fil-Knisja biex jizzewweg. F'jum it-tieg, niftakar illi kien ser jinqala' glied bejn il-familja ta' Sarah u taghna ghaliex Sarah ma rieditx li l-familja taghna tkun parti u tithallat mal-familja taghha. Sarah kienet dak it-tip, lanqas qatt ma giet id-dar tal-genituri taghna, u lanqas qatt ma ppruvvat tkun parti mill-familja estiza ta' Chris. Kienet tara lil Chris bhala oggett li setghet tippossjedi u timmanipula kif xtaqet hi.*

*Li nista' nghid fic-cert illi kieku seta' jmur lura, hija qatt ma kien jizzewwigha lil Sarah. In effetti, Chris kien ghadu*

*jhobb lit-tfajla li kellu qabel ma beda' johrog ma Sarah li maghha kien dam johrog ghal xi tlett snin jew aktar, avolja kien ghadu indeciz jekk jirranga maghha jew le.*

*Kjarament kien ghadu zghir, u kien ghadu mohh ir-rih. In effetti anke il-kumpannija li kien jiffrekwenta kienet komposta minn zaghazagh ta' eta' izghar minnu fejn huma kellhom xi sbatax-il sena u hu kellu wiehed u ghoxrin. Dan juri kemm kien ghadu zghir u immattur fil-mentalita' tieghu Chris f'dak iz-zmien. Pero` kien proprju f'dan il-perjodu meta Chris issottometta li jizzewweg. Kien ghadu immatur hafna biex jifhem x'inhuma l-obbligi u r-resposabiltajiet li mieghu igib iz-zwieg. Dan qed nghidu ghaliex kien biss mohhu biex joqghod barra jilghab ma shabu u jigri fil-'bars' maghhom u dan partikolarment wara li spicca mir-relazzjoni precedenti ma' t-tfajla li kellu li kien jisimha Kelly. Meta spicca ma Kelly kien hadha bi kbira hafna, u dan kien raguni iehor ghaliex konna ferm sorprizi li skoprejna illi ftit zmien wara biss beda johrog ma tfajla ohra.*

*Li nista' nghid fuq Sarah hu, li kont nafha peress illi kont nahdem maghha ic-'Chick King' gewwa Paceville. Fuq il-karattru taghha nista' nghid li kienet ta' rasha iebsa u persuna manipulanti. Naf illi meta bdiet tohrog ma Chris kienet ghadha kif spiccat minn relazzjoni twila ma' wiehed jismu Pierre. Ghal Sarah kien ahjar li kieku Chris qatt ma kellu il-familja tieghu. In effetti qatt ma kienet tigi ghandna u lanqas kienet thalli lil Chris jigi jara lil ommu. Kif kont narhom jien, Sarah riedet tikkontrollah u in effetti kienet qeghda tikkotrollah sew lil hija. U dan nista' nghid li kien hekk anke meta kienu ghadhom qeghdin johrogu flimkien.*

*Lil Chris qatt ma kienet tafdah u dejjem tipprova taqbdu f'xi gidba. Ma kienetx trid li johrog wahdu, u sahansitra lanqas biss riedet illi jkompli jiltaqa' mal-familja tieghu, inqas u inqas ma' taghha. Kienet dejjem tipprova zzommu gewwa habs. Ma setax johrog liberament.*

*Fil-konfront tieghi Chris kien gie prekluz b'mod assolut li jiltaqa' mieghi tant illi Chris kien xtara kelb u bl-iskuza li johorgu, kien jiftiehem mieghi u jiltaqa' mieghi bil-mohbi.*

*Kif diga' ghidt, Sarah ma kienitx thallih johrog wahdu ghaliex ma kienetx tafdah u dan mhux ghax Chris kien jaghmel xi haga hazina, ghax l-unika haga li kien jaghmel kienet li jmur jonsob. Hi rieditu 'puppet' f'idejha.*

*Wara li zzewgu dan l-egoismu taghha kien daqshekk estrem illi Chris kellu jaqta' minn mal-familja. Hi kienet biss thallih johrog maghha u jaghmilha mal-familja taghha. L-anqas biss hbieb ma' seta' jkollu. Minhabba dan, ma tantx nista' nghid dwar il-hajja matrimonjali taghhom hlief li hu kien jaghmel lejl jahdem barra u meta kien jidhol lura d-dar hi kienet tohrog il-barra u tisjir u tindif id-dar qatt ma kienet taghmel.*

*Nixtieq inzid ukoll illi, Chris kien jipprova jahbi lil familja taghna illi Sarah kienet daqsekk manipulatrici pero` wara illi telaq mid-dar matrimonjali, u dan wara sentejn ta' zwieg li minnhom disa' xhur kienu ghamluhom separati ahna sirna nafu x'tip ta' hajja infelici kien qieghed jghix hija.*

*Minhabba dak kollu li ddeskrivejt, jidher car illi z-zwieg ta' hija ma Sarah kien null stante illi l-elementi kollha taz-zwieg kienu neqsin u inezistenti."*

Illi fl-affidavit taghha **Maria Mifsud** sostniet illi:

*"Jien nigi oht iz-zghira ta' Chris Mifsud u cioe' tal-konvenut.*

*Rigward il-mertu tal-kawza pendenti bejn Chris u martu Sarah, nixtieq nghid illi Chris qatt ma kellu relazzjoni tajba ma' martu Sarah, fis-sens illi ma kienx hemm bazi solida ghar-relazzjoni taghhom. Chris fil-fatt kien dejjem imdejjaq maghha u kien jghid illi kien ser jizzewwigha unikament peress illi Sarah kienet harget tqila u ried jevita tilwima bejn il-genituri taghna u ta' Sarah peress illi kienu joperaw "business" flimkien u kienu saru hbieb kbar. In effetti ta' min jippreciza illi Chris kien ipprova jitlaq lil Sarah diversi drabi anke qabel ma harget tqila izda minhabba pressjoni kemm da parti ta' Sarah kif wkoll da parti tal-genituri taghna, hass ruhu skomdu, u baqa' f'din ir-relazzjoni*

*nonostante kien dejjem jaghmilha car illi ma kienx serju f'din ir-relazzjoni, jien dan kollu nafu peress illi Chris stess kien qalli kemm-il darba.*

*Qabel ma zzewgu, jien ftit li xejn kont nara lil Chris u Sarah flimkien. Fil-fatt jidher illi Chris ried jzomm ir-relazzjoni taghhom bhala sigriet, u dan peress illi Chris kien ghadu mohhu f'tfajla ohra li kellu. Niftakar illi Chris kien qalli illi kien gara illi xi gimgha wara li spicca minn ma Kelly kien hareg u mar Paceville u spicca fis-sakkra. Dak in-nhar kien ghamel lejl ma Sarah u meta hadha id-dar l-ghada qalilha illi ma kienx bi hsiebu jkompli f'relazzjoni, izda Sarah ma kienetx accettat, u Chris qisu inkiser u hassu skomdu, u kien qed jibza' illi Sarah tghid lill-missierna u ma riedx jaqa' ghac-cajt ma missieri.*

*Dan nafu peress illi Chris kien qalli, u dan wara hafna zmien peress illi meta kien gara dan il-fatt, hadd ma kien jaf bir-relazzjoni taghhom, kjarament, u Chris ma kienx jitkellem mieghi fuq dawn l-affarijiet ghaliex kien kif qalli wara, kien jibza' illi kont nikxfu mal-genituri taghna.*

*Kif diga' ghidt, jiena fil-bidu lanqas kont naf li kienu johorgu flimkien. Sirt naf biss ghaliex kien qalli Chris wara li Sarah kienet harget tqila. Kien prorpju dan iz-zmien illi Chris fetah qalbu mieghu u ammetta kemm kien verament imdejjaq, u kemm kien ilu jipprova jitlaq lil Sarah, u illi hi qatt ma riedet effettivament thallih jitlaqa'. Niftakar illi kien qalli "ara x'ghamilt b'idejja". Kien inkwetat u kkonfondut ghall-ahhar peress li hu kien qalli li ma kienx ihobbha, u illi din il-problema kienet ziedet l-inkwiet tieghu ghax issa kien kwazi impossibbli biex johrog mir-relazzjoni minhabba it-tarbija li kienet ser titwieled.*

*Jiena kont ghidltlu illi ma kellux ghalfejn jizzewweg izda hu kien jibza' minn missierna u lanqas ried jaqa' ghac-cajt mieghu, jew jikkrealu problemi mal-genituri ta' Sarah peress illi ghandhom 'business' flimkien, u ilhom hbieb snin, u ghalhekk nonostante li kien jaf li kien qed jaghmel zball iddecieda li jissottometti ghar-rieda ta' kulhadd, hlief tieghu, u jizzewweg ma Sarah.*

*Nixtieq nghid illi l-problemi li kellhom bejniethom Chis u Sarah kienu evidenti. In effetti ta' min jghid illi nonostante illi ma tantx kont nara lil Sarah, u ghalhekk ftit nista' nghid fuqha (hlief illi kienet tidher imdejjqa kull darba li kont naraha - kjarament ma nistax nghid ir-raguni x'kienet, izda wara sirt naf minghand Chris stess illi kien ilu mill-bidu tar-relazzjoni taghhom jipprova jitlaqha' u ghalhekk nahseb illi minhabba in-nuqqas ta' sigurta' li kellha fir-relazzjoni ma hija, kif wkoll minhabba l-fatt illi kienet taf illi ma kienx jhobbha, kienet mdejqa hafna) li nista' nghid fic-cert huwa illi Sarah kienet u ghadha persuna stramba. Qatt ma dahlet id-dar tal-genituri taghna, nonostantre illi kienu hbieb sew tal-genituri taghha. In effetti lanqas wara iz-zwieg, u lanqas wara li twieldet it-tarbija. In effetti qatt ma rajna la lilha u lanqas lit-tarbija. Nista' nzid ukoll illi jien qatt ma gejt wicc imb'wicc maghha wahdi ghaliex kull darba li ltqajna dejjem kien fil-prezenza ta' hija Chris u anke ghaliex Sarah kienet dejjem izzomm il-boghod mill-familja taghna tant li lanqas qatt ma riedet tiltaqa' ma ommi u missieri.*

*Wara li zzewgu Chris u Sarah, hija kien jghix xorta wahda hajja ta' guvni. Wara li kellha il-'baby' kompla johrog bhal li kieku ma kellux ir-rabtiet familjari, donnu ma kienx jifhem ir-responsabiltajiet u l-obligi li jgib mieghu iz-zwieg. F'dan ir-rigward ta' min jippreciza illi dan kien jaghmlu (u cioe' johrog) bil-mohbi wara dahar Sarah.*

*Nonostante illi jiena izghar minn Chris, jiena kont narah ghadu immatur wisq ghall-hajja mizzewwga. In effetti mhux biss ma kienx matur bizzejjed izda zzewwg ghar-ragunijiet hziena, peress illi zzewweg minhabba pressjoni ezerictata fuqu minn Sara, kif wkoll biex jahrab minn problema potenzjali li seta' kkreja bejn il-genituri taghna u l-genituri ta' Sarah.*

*Ta' min jghid wkoll sahansitra l-ghada tat-tieg kien gie jkellimni Chris li kellu dwejjaw kbar u qalli kemm kien imdejjaq u kemm kien jiddispjacih li ddecieda li jizzewweg nonostante illi kulhadd kien ipprova jiftahlu ghajnejh. Meta staqsejtu ghalfejn izzewweg hu kien iwiegeb: "Mhux minhabba t-tarbija."*

*Li nista' nghid dwar ir-relazzjoni ta' Chris ma' Sarah hu illi ghal Sarah, Chris kien oggett li hi setghet tippossjedi, u dan ghamlitu billi tohrog tqila u b'hekk timmanipulah kif xtaqet hi. In effetti Sarah tidher illi karattru aktar b'sahhtu minn Chris li huwa persuna facilment manipulat.*

*Ghalhekk, u in vista tal-premess z-zwieg bejn hija u Sarah kien null minn dak il-hin li gie ccelebrat stante illi l-elementi kollha sabiex zwieg jkun validu kienu neqsin, u iz-zwieg sar ghar-ragunijiet li ghalihom wiehed ma jmissux jizzewweg izda jahrab seba' mili l'boghod miz-zwieg."*
Illi fl-affidavit tieghu **Winslow Agius** qal is-segwenti:

*"Jien ilni naf lil Chris Mifsud ghal xi seba' (7) snin circa. Sirt nafu peress illi konna nahdmu gewwa hwienet ma genb xulxin. Spiss konna nohorgu flimkien u mmorru Paceville ma diversi hbieb ohra. Konna niltaqghu fil-fatt kwazi kuljum u ghalhekk sirna hbieb kbar. Dak iz-zmien jiena kien ghad kelli hmistax-il sena.*

*Niftakar illi dak iz-zmien li bdejna nohorgu flimkien, Chris kien johrog ma tfajla jisimha Kelly u li dam johrog maghha ghal perjodu twil. Chris kien dejjem iffahharha mieghi u kien jidher li jhobbha, fil-fatt gieli kien jghidli hu stess illi jhobbha. Pero`, li gara kien, illi ggieldu (ir-raguni ma nafx ezatt x'kienet), u nfirdu. Ftit zmien wara pero` Chris kien qabad johrog ma certa Sarah, u dan biss wara xi gimgha wara li kien spicca minn ma Kelly. Jiena kont ferm sorpriz b'dan peress illi Chris kien mhux biss jhobb lil Kelly izda ma tantx kien attrat minn Sarah fis-sens illi qatt ma kien kellimni fuqha.*

*Li naf fil-fatt illi Chris kien jaf lil Sarah qabel ma beda johrog maghha jigifieri anke f'dak il-perjodu meta hu kien johrog ma Kelly u dan ghaliex Chris u Sarah kienu jahdmu flimkien ic-'Chick King' gewwa Marsascala.*

*Kif diga' ghidt, meta bdew johorgu flimkien jien kont ferm sorpriz peress li Chris kien spiss jitkellem kontriha, u ma tantx kellu grazzja maghha, pero` kont nghid illi wiehed qatt ma jista' jghid x'jigri. Li nista' nghid, pero` hu li mill-*

*ewwel bdew il-problemi bejniethom. In fatti tant ma kienx deciz jekk riedx jibqa' fir-relazzjoni ma' Sarah illi Chris kien zammha sigrieta minn kulhadd. Fil-fatt jiena biss kont naf biha. Jien ma kontx insaqsieh x'kien qed jaghmel ma Sarah galadarba ma kienx ihobbha, u kont inhallih liberu jaghmel dak li jrid. Chris pero` kien dejjem jhossu ppressat li jibqa' ma' Sarah minhabba l-genituri tieghu u ghalhekk baqa' fir-relazzjoni kontra qalbu.*

*Nixtieq nghid wkoll f'dan ir-rigward illi nonostante illi Chris u Sarah kienu ftehmu illi hadd ma kellu jaf bir-relazzjoni taghhom, izda nonostante dan, Sarah kienet qalet lil kulhadd, inkluz il-genituri taghha. Minkejja dan, Chris avolja kien irrabjat ghal ahhar u pprova jitlaqa' baqa' maghha fuq insistenza taghha stess, u li gara kien illi ftit xhur wara Chris qalli li kienet harget tqila. Chris kien skonvolt b'din l-ahbar ghaliex ried jara kif kien ser johrog mir-relazzjoni u mhux it-tarbija kienet problema li ma kienx qed jistenniha. Ma kienx komdu. Kien konfondut u kien jidher anzjuz hafna b'dak li kien qieghed jigri. Chris kien jghidli li ma kienx jaf x'ser jaqbad jaghmel ghax kien jaf li ma kienx ihobbha, tant illi kien qalli li ma setax jara mezz kif johrog minn din il-problema minghajr ma jikkawza problemi serji bejn il-genituri tieghu u ta' Sarah.*

*Li nista' nghid fuq Sarah hu, li kienet tghir hafna ghal Chris. Riedet dejjem izzommu taht subghajha. Ma kienetx thallih fil-liberta' li kien imdorri fiha kemm fir-relazzjoni precedenti tieghu ma Kelly kif ukoll kif kien bhala karattru. Chris fil-fatt kien jirreagixxi ghal din l-ghira, u kien mill-ewwel xebgha mir-relazzjoni, tant illi kemm-il darba kien jghidli, li ma setax johrog maghna ghaliex hi ma kienetx thallih fil-liberta'. Kienet dejjem tissuspetta fih, illi kien qed jaghmel xi haga wara darha. Kien jghidli li din ir-relazzjoni ma kenitx ghal qalbu.*

*Meta tgharras ma Sarah, l-problemi zdiedu, u Chris baqa' jghidli "Qed iddejjaqni, ma nhossnix fdat". Kien jghidli li kien qieghed ihoss pressjoni kbira minn din ir-relazzjoni. Meta kien jghidli hekk kont nghidlu "Ghalfejn ma ssibx tfajla ohra?". Izda hu kien jghidli illi ma riedx iwweggaha ghaliex kienet ossessjonata sew bih. Kien jghidli wkoll illi*

*ma setax jaghmel hekk peress illi l-genituri tieghu u taghha kienu hbieb sew, u ma riedx jikkaguna problemi bejniethom minhabba zball li kien ghamel hu.*

*Wara li nqabdet 'pregnant' il-problemi u d-dwejjaq ta' Chris bdew jizdiedu dan minhabba l-piz tat-tarbija li kienet ser titwieled. Fil-fatt, malli inqabdet tqila, Chris kien qalli li Sarah riedet tizzewweg izda hu assolutament ma riedx u dan ghall-ragunijiet gia imsemmija. F'dan ir-rigward nixtieq nzid wkoll illi kien hemm zmien qabel dan illi Sarah kienet marret u xandret ma kulhadd illi ser tizzewweg meta Chris ma kien jaf b'xejn. Filfatt hu kien qalilha iva pero` biss bhala cajta. Sarah kienet qisha iffissata fuq Chris. Riedet tizzewgu bilfors, mentri hu ried jsib kull mezz biex jahrab minnha minghajr ma jaqa' ghac-cajt mal-genituri tieghu, b'mod partikolari ma missieru.*

*Nerga' nghid li Chris assolutament ma kienx ihobbha lil Sarah la qabel u lanqas wara z-zwieg. Kien iktar persuna li ghadha tahseb biss fuqha nnifisha, mhux ghax kien egoist izda ghaliex kien ghad ghandu biss wiehed u ghoxrin sena meta zzewweg u ghalhekk kien biss mohhu jiddeverti u johrog mal-hbieb. Ma kienx serju fir-relazzjoni li kellu ma Sarah peress illi kien mohhu fit-tfajla li kellu qabel u dan kien jghiduli huwa stess. Irrid inzid ukoll f'dan ir-rigward illi Kelly u Chris kienu joqoghdu bieb ma bieb ta' xulxin u kienu jiltaqaw kwazi kuljum.*

*Minkejja il-parir kuntrarju li kont tajtu jiena, Chris webbes rasu u ddecieda ii jizzewweg u dan ukoll kontra dak li kien jaf Chris u cioe' li assolutament ma kellu l-ebda intenzjoni li jibqa' jghix ghall-ghomru kollu ma Sarah. Id-decizjoni tieghu kienet ibbazata esklussivament kemm fuq pressjoni da parti taghha kif wkoll minn pressjoni li ma xtaqx jisfratta hbiberija li kien hemm bejn il-genituri taghhom minhabba l-atti irresponsabbli tieghu kif diga' ghidt.*

*Fiz-zmien illi Chris iddecieda li jizzewweg jien kien ghad ghandi hmistax-il sena u hu kellu wiehed u ghoxrin sena ghalhekk kien hemm differenza ta' eta' ta' disa' snin bejnietna. Il-kumpannija li kien jaghmilha maghha Chris kienet kollha maghmula minn nies li kienu ghadhom zghar*

*hafna. Tant hu hekk meta zzewweg ma kienx steddinni ghat-tieg peress illi kont ghadni zghir.*

*Wara li zzewweg kont ghamilt flit zmien ma nara lil Chris peress illi kien mar jahdem Paceville mentri jiena bqajt Marsacala u lanqas riedt nindahallu fil-hajja privata tieghu ma Sarah ghaliex kont naf illi kellu l-problemi u kieku ried seta' gie jfittixni hu. Ghalhekk zammejt lura. Li gara pero` kien illi ftit xhur wara li zzewweg irritorna lura Marsascala, u b'hekk ergajna bdejna nohorgu flimkien. Nixtieq nghid hu li Chris kien baqa' bl-istess sentimenti fil-konfront ta' Sarah, liema sentimenti marru mill-hazin ghall-ghar u ghalhekk kien ihossu go habs tant li Sarah ma kienetx thallih johrog tant li kien xtara kelb sabiex bi skuza li johorgu kien jiltaqa' maghna u ma huh.*

*Ftit zmien wara, Chris ma setax jibqa' jissaporti il-pressjoni kollha li kienet qeghda taghmel Sarah u telaq mid-dar matrimonjali. Meta kien gie in se, Chris kien induna li kien izzewweg ghal-ragunijiet zbaljati, u cioe' li ma kienx ihobb il-mara li kien izzewweg, kif ukoll li kien izzewweg sabiex jahrab mill-problemi li seta' jikkaguna mal-genituri tieghu u dawk ta' Sarah. Chris kien dahal ghaz-zwieg meta assolutament kien jigi jaqa' u jqum mir--resposabilitajiet u obbligi li jsegwu.*

*Kif jidher minn dak li jinghad hawn fuq, jidher b'mod lampanti illi z-zwieg bejn Chris u Sarah kien wiehed null u minghajr effett fil-mument li gie celebrat u dan stante r-ragunijiet kjarament spjegati, kif wkoll minhabba l-fatt illi l-fatti jindikaw illi kemm Chris kif wkoll Sarah kellhom difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, filwaqt illi Chris kien meta ccelebra z-zwieg ma kienx qieghed verament jaghmel hekk stante illi kellu nieqes l-elementi kollha ta' zwieg fosthom mhux biss l-imhabba izda wkoll r-rieda li jizzewweg, jew illi jqatta' hajtu ma Sarah."*

**<u>(B). Principji Legali</u>.**

Illi l-**artikolu 19(1**) jipprovdi li *"b'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika jew morali, jew biza'.*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi min-naha tieghu il-konvenut qed jaqbel illi hemm raguni ghall-annullament taz-zwieg, izda fil-fatt qed jghid li dan huwa kkawzat ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Illi nonostante din l-ispeci ta' ammissjoni da parti tal-konvenut il-Qorti xorta ghandha tara jekk l-allegazzjonijiet attrici humiex fondati u dan aktar u aktar f'natura ta' annullament taz-zwieg.

Illi infatti fis-sentenza **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) inghad:-

*"Illi ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha tidhol sabiex akkuratament tezamina l-provi sabiex tara u fl-ahharnett tiddeciedi jekk l-provi prodotti wasslux ghall konvinciment morali fil-gudikant li jaccetta t-talba attrici ghan-nullita' tal-istess zwieg".*

*"Illi dan ghandu sinifikat iktar partikolari f'kazijiet ta' din ix-xorta ghaliex anke fil-kaz ta' ammissjoni tat-talbiet attrici f'kaz ta' nullita' ta' zwieg fis-sentenza* ***"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia*** *(A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG" gie affermat il-*

*principju "din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",** (Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"**, (Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, (Prim' Awla, 10 ta' Novembru 1995**); "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"**, (Prim' Awla, 21 ta' Novembru 1995); **"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"**, (Prim' Awla, 22 ta' Frar 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (Prim' Awla, 31 ta' Jannar 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"**, (Prim' Awla, 16 ta' Settembru 1996)".*

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu 2000) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok dan il-kaz ser jigi trattat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li zwieg huwa null :-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza' "*

Illi fil-kaz odjern il-konvenut qed isostni li huwa zzewweg lill-attrici peress li beza' minn missieru u minhabba pressjoni li saret fuqu mill-attrici peress li din kienet ukoll inqabdet tqila. Illi fil-fatt mill-affidavit tal-istess konvenut jirrizulta car illi l-konvenut qatt ma ried jizzewweg lill-attrici, anzi kien oppost ghall-istess idea sa mill-bidu ghax bl-ebda mod ma kien migbud lejha, anzi il-Qorti jirrizultalha li huwa kien verament migbud lejn persuna ohra.

Illi minkejja illi huwa ghamel tali opposizzjoni ghar-rikjesti tal-attrici sabiex jizzewwigha, jidher li fl-ahhar huwa accetta biss peress li l-attrici kien ser ikollha it-tarbija tieghu, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti u mill-kumpless tax-xhieda moghtija mill-konvenut u mix-xhieda minnu prodotti jirrizulta car illi l-konvenut kien taht pressjoni sostanzjali ffacjat ukoll bir-responsabiltajiet tieghu lejn l-istess tarbija, u kien biss ghalhekk li huwa dahal ghal dan iz-zwieg, u ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti jezistu r-rekwiziti sabiex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi annullat taht dan is-sub-artikolu.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rresistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghall-effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne**

**mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru 1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi ma hemmx dubju li l-biza' tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza' f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza' tista' tinholoq kawza ta' sitwazzjoni li persuni jsibu ruhhom fiha, *stante* li mix-xhieda prodotta mill-konvenut, il-fatt li l-attrici nqabdet tqila, ikkawza xokk sostanzjali fuqu, anke peress li huwa rrealizza l-konsegwenza tal-azzjonijiet tieghu, kemm ghal dak li jirrigwarda l-hajja personali tieghu, u kemm dik tal-attrici, u fl-ahharnett fil-konfront tal-istess wild, u mhux lanqas tal-genituri tal-partijiet.

Illi fil-kaz odjern din l-Qorti thoss li dawn l-elementi gew ippruvati fil-konfront tal-konvenut, ghaliex kienet din il-biza' u x-xokk ta' l-ahbar li l-attrici nqabdet tqila li wasslitu biex jiehu d-decizjoni li jizzewweg. Dan huwa sostanzjat mill-fatt li z-zwieg sar ta' malajr, tant li z-zwieg sar fi zmien xahrejn minn meta l-partijiet hadu din id-decizjoni, u meta l-attrici kellha diga tlett xhur tqala.

Illi l-attrici ssottomettiet illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is*

*important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra *sive* Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta

taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia “foedus” … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita” (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gia inghad, b’immaturita` jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *“non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l’ uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena” **(Pompedda, M.F., “Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski”** – **Pompedda – Zagglia, “Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico”** (Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **“Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo”** (P.A. (VDG) 26 ta’ Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *“fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in*

*fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei*

*sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."*** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante,*

*si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*“… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’ affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell’ altra parte sia nei riguardi della prole” (***Pompedda, M.F.,*** **“Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento.”** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f’dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e / o di volere”. “L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”, jghid il-Bersini, “rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi*

*moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) fost ohrajn.

*Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-*

*“**art.19 (1) (f)** “jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

Illi dwar dawn l-elementi jirrizulta li apparti dak li nghad mill-konvenut dwar it-tqala tal-attrici li waslitu sabiex jiehu d-decizjoni li jizzewweg, jirrizulta li l-konvenut bl-ebda mod ma kien ippreparat li joqghod ghall-hajja mizzewga mal-attrici, tant li kien konxju tal-fatt li qed jaghmel zball sa mill-mument tal-kunsens tieghu tal-istess zwieg, u wkoll ghaliex ma kienx ihobb lill-attrici u ma kienx lest li jqatta' hajtu kollha maghha, tant li mal-ewwel intopp anke ghaliex l-attrici wara li zzewget tidher li tilfet l-interess fil-konvenut iz-zwieg sfaxxa. Jirrizulta wkoll li wara sena ta' zwieg il-kontendenti bdew jghixu u jorqdu fi kamamar separati, u

f'gheluq is-sentejn miz-zwieg il-konvenut telaq mid-dar konjugali, u minn dan kollu jidher li dan kien zwieg biss tal-kelma.

Illi min-naha l-ohra l-attrici jidher li wara li ghamlet minn kollox sabiex tippressa lill-attur sabiex jizzewwigha anke qabel ma harget tqila la darba hija ottjeniet dan l-iskop hija tilfet ghal kollox kull interess jew ahjar fissazzjoni li kellha fil-konvenut u bdiet litteralment tghix ghal rasha u taghmel dak li jaqbel lilha bla ebda konsiderazzjoni ta' xejn lejn dak li jhoss l-attur.

Illi jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda moghtija mill-attrici jidher li l-konvenut ma kienx konsistenti mieghu innifsu, u dan peress li ghalkemm huwa qed jghid li sfurzatu l-attrici jidher li huwa wkoll ghamel il-pressjoni tieghu fuqha, u dan kollu dovut ukoll ghall-fatt illi l-attrici harget tqila qabel iz-zwieg. Jidher konfermat li l-partijiet ma kellhom l-ebda sentiment lejn xulxin ta' mhabba u lanqas rispett u dan jikkonferma li kienet il-pressjoni li gabet fuqhom l-istess tqala inaspettata li wasslu lill-partijiet sabiex jiehdu dan il-pass taz-zwieg u l-atteggjament taghhom waqt iz-zwieg ikompli jikkonferma li l-ebda wahda mill-partijiet ma kellha r-rieda u wisq anqas il-kunsens neccessarju sabiex jiehdu dan il-pass.

Illi ghalhekk certament li mill-provi kollha prodotti mill-partijiet ikkorroborat b'dan l-atteggjament taghhom lejn iz-zwieg ta' bejniethom u dan tramite x-xhieda minnhom prodotti jirrizulta li partijiet kellhom il-kunsens taghhom vizzjat b'difett serju ta' diskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi wkoll tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Illi din id-decizjoni nghatat abbazi tal-**Kap 255** li jinkludi l-**Att ta` l-1975** kif sostanzjalment emendat bl-**Att XXIV ta` l-1981** u dan abbazi ta' dak li inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Anthony Licari vs Caroline Licari"** (A.C. (N.A. – J.F. – A.J.M.) 31 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"Issa m`hemmx dubju illi z-zwigijiet u l-validita` taghhom huma materji ta` Ordni Pubbliku u li di fronte ghal dan l-interess pubbliku l-interess privat huwa wiehed sekondarju".*

*"Jinghad ukoll illi l-emendi in kwistjoni jinteressaw l-ordni pubbliku, li di fronte tieghu ghandu jcedi l-interess privat, u ghalhekk ghandu jigi ammess l-effett retroattiv taghhom, kif imfisser fis-sentenza appellata, fuq l-awtorita` tal-Pacifici Mazzoni u tal-Gabba, fuq imsemmija."* ***("Joseph Fenech et versus Rev. Sac Prof Serafino Zarb noe et"*** *– Qorti ta` l-Appell - 10 ta` Ottubru 1952). L-awtur* ***Gabba,*** *konsiderat forsi l-aktar awtur awtorevoli fil-materja ta` l-applikazzjoni o meno tal-ligijiet b`mod retroattiv hekk jiddeskrivi din il-materja u dan kif huwa ikkwotat f`din l-istess sentenza. "Tutte quante le leggi concernenti interessi pubblici o politici di qualunque genere si applicano immediatamente, ed i corrispondenti diritti e doveri degli individui si mutano o si modificano immediatamente in virtu` di quelle leggi". (Vol. I, pag. 211 u 212). Ta` l-istess opinjoni huwa l-****Professur Ganado*** *fin-noti li huwa ghamel fuq il-****Prolegomina*** *fil-pagna 44 ta` l-istess noti "If the legislator has found the law imperfect or unjust, or, at least, not in harmony with social and economic exigencies; the old law should not receive further application, not even with respect to the consequences of pre-existing negotia; otherwise the duration of a law which was admittedly defective would be prolonged indefinitely". Dawn il-konsiderazzjonijiet u ohrajn wasslu lil Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha (imsemmija mill-appellant fin-nota tieghu quddiem din il-Qorti tad-29 ta` Lulju 1999) fl-ismijiet* ***"Rita Spiteri xebba Camilleri versus George Spiteri"*** *tas-17 ta` Gunju 1999 biex tirrendi applikabbli l-emendi li saru fl-1981 fl-artiklu 19 tal-Kapiltu 255 tal-Ligijiet ta` Malta anke ghal zwigijiet li kienu gew iccelebrati qabel dawn l-emendi. Din il-Qorti sejra ukoll taddotta dan il-principju ghar-raguni addizzjonali illi, almenu f`dawn ic-cirkostanzi, dan huwa ukoll necessarju propju biex ikun hemm dik ic-certezza u stabbilta` korrettement mixtieqa mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fil-Prim' Istanza. "Ezami ta` l-istat legali*

*applikabbli f`kull perjodu fuq imsemmi w anke fil-prezent iwasslu lill-Qorti ghal-konkluzjoni illi l-lakuna, il-vacuum li kien jezisti … … … Il-Qorti thoss u tifhem illi kien dan in-nuqqas li wassal lil-legislatur biex fl-1981 jissostitwixxi ghal kollox l-Artikolu 19 tal-ligi originali tal-Att taz-Zwieg".*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet li huma konsiderazzjonijiet, jigi ripetut, ta' Ordni Pubbliku w in-necessita` li f`din il-materja jkun hemm kemm jista` ikun certezza u simetrija fl-interess socjali tal-pajjiz iwassal lill-Qorti biex tiddeciedi illi l-emendi tal-1981 ghandhom japplikaw retroattivament … … … Interpretazzjoni ohra tfisser konfuzjoni, incertezza w inkoherenza f`materja li ghandha invece tkun ordnata u regolata b`koncetti simili jekk mhux identici tul iz-zminijiet."* **("Spiteri vs Spiteri").**

Illi din id-decizjoni din il-Qorti ssib konfort ulterjuri fis-sentenzi tal-Qorti ta` l-Appell **"Baldacchino vs Baldacchino"** (Cit Nru 114/84 - Deciza 20 ta' Mejju 1991) "**Piscopo vs Piscopo"** (Cit Nru 52/88 - Deciza 12 ta' Jannar 1994), **"Shirley Anne vs Avukat Dr. Alfred Mifsud"** (P.A. Q.C. 22 ta' Novembru 1982); **"Paul Pace vs Mary Pace"** (P.A. Q.C. 5 t' Ottubru 1992); **"Emmanuel Cassar vs Mary Grace Cassar"** (A.C. 8 ta' Marzu 1995); **"Yvonne Khalef vs Dr. Anthony Farrugia"** (P.A. Q.C 6 ta' April 1988); u **"Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri"** (A.C. 14 ta' Dicembru 1994).

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif proposti ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak fuq premess, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti datat 14 t'Awissu 1996

u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet stante li n-nullita taz-zwieg hija mputabbli miz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2002**